MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Appell Civili - Ghawdex Numru. 2/2004/2

**Pawlu u Giuseppa konjugi Grech, u b'digriet tas-17 ta' Novembru 2004 il-gudizzju gie trasfuz f' isem Regina mart Charlie Testa, Salvina mart Jimmy Gabarias, Rose mart Joe Portelli u John Grech u f' isem ulied il-mejta Frances mart Paul Sciberras u cioe` Paul, Jason u Tony ahwa Sciberras stante l-mewt ta' Pawlu Grech fil-mori tar-rikors.**

**vs**

**Grezzja sive Zolla xebba Portelli**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Jannar 2007, il-Bord li Jirregola l-Kera ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Ic-Chairman,

Ra r-Rikors fejn ir-rikorrenti, wara li ppremettew illi:

Huma jikru lill-istess intimata d-dar ta’ l-abitazzjoni bin-numru tmenin (80), Triq il-Kuncizzjoni, Qala, Ghawdex bil-kera ta’ hames liri (Lm5) fis-sena li jithallsu fit-tmienja (8) ta’ Dicembru ta’ kull sena u b’lura.

Illi l-intimata m’ghandhiex tuza’ l-istess fond ghall-iskopijiet li ghalih gie mikri u cioe’ bhala d-dar tar-residenza taghha u fil-fatt illum ghandha post alternattiv fejn qeghdha toqghod li huwa ferm hafna ahjar u aktar spazjuz minn dak oggett ta’ dan ir-rikors, liema post huwa bini gdid bla numru, mibni fil-mandra li qabel kienet tifforma parti mill-fond bin-numru 31, f’Triq is-Saliba, Qala, Ghawdex u f’liema fond fil-fatt l-intimata qeghdha fil-prezent attwalment tabita fih, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh ta’ dan ir-rikors.

Illi oltre dan l-esponenti ghandhom bzonn il-fond mikri lill-intimata ghall-uzu personali taghhom u tal-familja taghhom u ghalhekk il-hardship ta’ l-intimata ma tkunx akbar minn dak ta’ l-esponenti jekk dan ir-rikors jigi milqugh;

Illi wkoll l-intimata traskurat u abbandunat kompletament il-fond oggett ta’ dana r-rikors u konsegwenza t’hekk ikkagunatlu hafna hsarat fih, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh ta’ l-istess rikors.

Talbu illi dan il-Bord joghgbu jilqa’ t-talba taghhom sabiex huma jkunu jistghu jirriprendu l-pussess ta’ l-istess fond hawn fuq imsemmi wara l-iskadenza li jmiss tat-tmienja ta’ Dicembru 2004 u b’hekk ma jawtorizzax ir-rilokazzjoni ta’ l-istess fond a favur ta’ l-istess intimata.

Ra r-Risposta ta’ l-intimata fis-sens illi qabel xejn ir-rikorrenti jridu jipprovaw it-titolu taghhom.

Illi mhux minnu li l-intimata abbandunat il-fond mertu ta' din il-procedura u li mhix qed tuzah skond id-destinazzjoni li ghalih inkera lilha.

Illi l-inqas huwa minnu li l-intimata ghandha residenza alternattiva disponibbli ghaliha.

Illi huwa kontestat li r-rikorrenti jnhtieg dan il-fond ghall-uzu personali tieghu jew ta' membri tal-familja tieghu.

Illi fi kwalunkwe kaz stante l-uzu fuq imsemmi jinhtieg illi l-htiega tar-rikorrenti tkun ikbar minn dik ta' l-intimata u fuq kollox illi l-hardship li suppost qieghed jigi soffert mir-rikorrenti jkun ikbar minn dak li jigi soffert mill-intimata kemm-il darbra r-rikorrenti jigi awtorizzat jirriprendi l-pussess tal-fond mertu ta' dan ir-rikors;

Illi mhux minnu li l-esponenti abbandunat jew arrekat xi hsara fil-fond lokatizzju.

Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti hija nfondata kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Ra n-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Ra l-atti l-ohra kollha tal-process, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra:

Illi permezz ta' dan ir-Rikors ir-rikorrenti qed jitolbu t-terminazzjoni tal-kirja tal-fond indikat fir-rikors u r-ripresa tieghu ghax:

(i) l-intimata m'ghadhiex tuza l-fond ghall-iskop li ghalih kien miki u qed tirrisjedi band'ohra;

(ii) ir-rikorrenti jehtiegu l-fond ghall-uzu personali u tal-familja taghhom; u

(iii) l-intimata rrekat hafna hsara fl-istess fond.

Bhala eccezzjoni preliminari l-intimata eccepiet illi r-rikorrent kellu jaghmel il-prova tat-titolu. Din l-eccezzjoni pero' ma tregix u ghalhekk qed tigi minnufih michuda, wara li r-rikorrenti gabu bizzejjed provi dwar it-titolu taghhom fuq il-fond in kwistjoni.[1] L-eccezzjonijiet l-ohra kollha jirrigwardaw il-mertu.

1. L-ewwel premessa hija illi l-intimata mhix tuza l-fond ghall-iskop li ghalih kien gie mikri. Din ir-raguni ghar-ripresa hija bbazata fuq l-artikolu 9(a) tal-Kap.69. Insibu fil-gurisprudenza f'dan ir-rigward illi:

> "*Min jallega tibdil ta' destinazzjoni tal-fond minnu mikri ghandu jipprova sew id-destinazzjoni originarja kemm it-tibdil taghha. Jekk imbaghad l-intimat jallega in kuntrarju destinazzjoni diversa, dan jikkostitwixxi kontroprova li tinkombi lilu*." [2]

Hekk ukoll:

> "*Certament hija kwistjoni ta' fatt li tiddeciedi jekk sarx att jew fatt li hu allegat bhal li jimporta tibdil ta' destinazzjoni ta' fond mikri; imma meta si tratta li tiddeciedi dwar il-karattru ta' dak l-att jew fatt u, indipendentement minn dan dwar l-efficjenza tieghu bhala kawza ta' tibdil, il-kwistjoni hi ta' dritt; billi mhux kull varjazzjoni fl-uzu ta' fond tikkostitwixxi legalment tibdil tad-destinazzjoni tieghu u ksur*

[1] Dokti.AS,AS1 u AS2 a fol. 82 -90 tal-process
[2] Francesca Mallia vs Salvatore Guillaumier: 12.1.1962 vol.XLVI.I.5)

> *tal-kuntratt li jintitola lis-sid jizgomba l-kerrej. Fond mikri ghall-abitazzjoni jibqa' tali avolja, bil-permess tas-sid, isir minnu uzu bhala hanut ghall-bejgh ta' xi generu, sija pure minghajr licenzja tal-Pulizija*." [3]

M'hemmx dubbju illi fil-kaz in ezami, l-fond *de quo* kien gie mikri ghall-abitazzjoni. Irrizulta mill-provi illi fih kienet toqghod l-intimata ma' ommha ghal aktar minn hamsin sena, u l-kera ntirtet mill-intimata wara li din giet nieqsa. Ir-rikorrenti jallegaw illi f'dawn l-ahhar snin l-intimata ma baqghetx toqghod hemm, u marret tabita ma' certu Frencu Mifsud fi triq ohra fil-qrib, u l-post taghha spicca bhala depozitu ghal hafna imbarazz li kienet tigbor minn barra. Dwar din l-allegazzjoni ta' l-ahhar, ittella' biex jixhed ufficcjal sanitarju li kkonferma x' ra b'ghajnejh meta mar fuq il-post, wara rapport li kien sar mir-rikorrenti, u li d-dipartiment kien gieghel lill-intimata tnaddaf.[4] Imma b'daqshekk ma giex ippruvat illi l-intimata ma baqghetx xorta wahda tirrisjedi hemmhekk ghax, ghalkemm ittellghu bosta girien biex jikkonfermaw illi kienu jaraw lill-intimata tielgha u niezla f'hinijiet diversi tal-gurnata ghand l-imsemmi Frencu Mifsud, hadd minnhom ma seta' jghid fic-cert illi l-intimata kienet tassew bidlet ir-residenza taghha u marret tikkoabita mieghu, kif qed isostnu r-rikorrenti.[5] L-intimata stess ammettiet illi kienet thobb titla' sa fejn dan Fencu Mifsud ghall-kumpanija, u marret kemm-il darba l-ghalqa mieghu, imma cahdet kategorikament illi kienet tikkoabita mieghu.[6]

F'tali cirkostanzi ma giex ippruvata sodisfacentement illi l-intimata bidlet id-destinazzjoni tal-fond mikri, u ghaldaqstant, safejn

---

[3] Appell: George Musca et.vs George Grech:3.12.1962
[4] ara deposizzjoni ta' Aldo Portelli a fol.36 -45 tal-process
[5] ara deposizzjoni ta' Consiglia Buttigieg a fol. 46 -50; ta' Maryanne Borg a fol. 51 -55; ta' Mary Theuma a fol. 60 -65; u ta' Jesmond Borg a fol. 101 -103; ara ukoll affidavit ta' Francis Said a fol. 100
[6] ara deposizzjoni ta' l-intimata a fol. 109

it-talba hija bbbazata fuq din il-premessa ma tistax tirnexxi.

2. Nigu ghalhekk ghat-tieni premessa. Sabiex tirnexxi talba bhal din iridu jigi sodisfatti diversi rekwiziti, u cioe':

1. li s-sid tassew ghandu bzonn il-fond in kwistjoni ghalih jew ghal xi membru tal-familja tieghu kif imfisser fil-ligi;

2. li l-kerrej ikollu post alternattiv fejn imur joqghod u li dan ikun adattat ghalih (*suitable alternative accommodation*); u

3. illi l-*hardship* tas-sid ikun akbar jekk it-talba tigi rifjutata milli jkun dak ta' l-inkwilin jekk l-istess talba tigi milqugha.

**Il-bzonn tar-rikorrent:**

F'kazijiet simili ta' talbiet ghar-ripresa ta' fond mikri bbazati fuq il-bzonn tas-sid jew ta' membri tal-familja tieghu, ic-Chairman irid qabel xejn jezamina x'tip ta' bzonn huwa dak reklamat mis-sid u jekk dan, skond il-ligi, jikkwalifikahx li jiehu lura l-fond mikri. Gie stabbilit mill-gurisprudenza lokali in materja illi:

> " *Il-kliem 'ikun irid' fil-Kap. 69 jimplika grad ragonevoli ta' bzonn u mhux semplici xewqa jew preferenza.*
>
> *Huwa veru li s-sid li jkun irid jiehu lura l-pussess tal-fond jinhtieglu jipprova grad ragonevoli ta' bzonn, izda ma jfissirx li huwa mehtieg jipprova necessita' assoluta*." [7]

Hekk ukoll insibu illi:

[7] Edgar S.Galea vs Alfred Camilleri:Kollez.Vol.LXXVII.ii.212

> "…*il-gurisprudenza dejjem ghallmet li skond il-ligi m'huwiex bizzejjed li s-sid ikun irid u jixtieq jiehu taht idejh fond mikri lil haddiehor, izda jehtieg li juri ghas-sodisfazzjon ta' l-awtorita' giudikanti li tassew ghandu bzonn dak il-fond partikolari, altrimenti l-inkwilin m'ghandux jigi disturbat bla bzonn fit-tgawdija tal-fond mikri lilu, ghax kwalunkwe zgumbrament igib hardship lill-izgumbrat u jrid ikun gustifikat.*
>
> *Illi ghalhekk sabiex tirnexxi l-azzjoni odjerna tar-rikorrent, huwa mehtieg qabel xejn illi dan jipprova illi huwa ghandu bzonn illi jirriprendi l-pussess tal-fond in kwistjoni… Il-piz tal-prova ta' dan il-bzonn hu fuq is-sid li jehtieg li juri mhux biss illi hu qed jagixxi in buona fede, imma anke illi hu ghandu bzonn li jirriprendi pussess tal-fond*." [8]

Fil-kaz in ezami nsibu illi r-rikorrenti Giuseppa Grech qalet illi ghandha bzonn il-fond mikri lill-intimata biex tmur tabita fih bintha li prezentement toqghod l-Istati Uniti ta' l-Amerika, ghax "*ghandha ragel marid u qeghdha l-Amerika, u trid tigi, irridu nirrangawh u tmur toqghod fih*." [9] Min-naha l-ohra l-istess Regina Testa, bint ir-rikorrenti stqarret illi trid tigi toqghod fil-post in kwistjoni ghax tbati minn mard respiratorju u t-tobba rrakkomandawlha li tmur toqghod f'postijiet f'inqas umdita'. [10] Apparti l-fatt illi lanqas ir-rikorrenti u bintha stess m'huma jaqblu dwar ir-raguni vera tal-htiega tal-post in kwistjoni, ma tantx jidher verosimili illi fond daqstant zghir konsistenti semplicement minn kamra tas-sodda, intrata, *toilet* taht it-tarag, mghotti b'purtiera u setah mikxuf li jservi wkoll bhala kcina,[11] jista' fiz-zminijiet ta' llum jakkomoda

---

[8] Appell: Josephine Vassallo vs Rachele Fenech et.: 18.5.2005 u sentenzi hemmhekk indikati
[9] ara deposizzjoni ta' Giuseppa Grech a fol. 17 tal-process
[10] ara affidavit taghha a fol.94 tal-process
[11] ara xhieda ta' Aldo Portelli a fol. 37 tal-process

familja ta' tlieta minn nies bhala ma huma bint ir-rikorrenti, zewgha u binhom ta' xi ghoxrin sena.

F'tali cirkostanzi ghalhekk ic-Chairman ma tantx huwa konvint illi l-grad ta' bzonn stabbilit mill-gurisprudenza gie adegwatament sodisfatt. Imma anke jekk kellu jigi accettat il-bzonn li r-rikorrenti qed jghidu li ghandhom, it-talba ghar-ripresa xorta wahda ma tkunx tista' tintlaqa' u dan ghaliex l-akkomodazzjoni alternattiva illi r-rikorrent jghid illi ghandha l-intimata, fil-fehma tac-Chairman ma tistax tigi kwalifikata bhala *suitable alternative accommodation.* Huwa minnu li rrizulta mill-provi illi l-intimata tgawdi l-usufrutt *durante vita* fuq fond gdid li gie mibni minflok il-post originali fejn kien jirrisjedi l-imsemmi Frencu Mifsud. Madankollu jidher illi dan mhux adattat ghaliha tenut kont illi qieghed f'telgha u llum il-gurnata l-intimata ghandha 'l fuq minn tmenin sena, mentri l-fond de quo huwa f'wita u ferm aktar centrali.

4. Baqa' biss sabiex tigi konsidrata t-tielet premessa bbazata fuq il-hsara allegatament ikkagunata fil-fond mikri. Inghad f'dan ir-rigward illi: "…*biex jirnexxi fl-azzjoni tieghu, ir-rikorrent appellat irid jipprova (1) li hemm danni konsiderevoli fil-fond de quo u (2) li dawn id-danni gew ikkagunati mill-kerrej, cioe mill-intimat… Mhux bizzejjed li r-rikorrent appellant jipprova li l-kerrej ikkaguna danni fil-fond jekk ma jipprovax ukoll li d-danni huma konsiderevoli. Hekk ukoll lanqas huwa bizzejjed li jipprova li hemm danni konsiderevoli fil-fond jekk ma jippruvax li dawn gew ikkagunati mill-kerrej*." [12]

Fi-kaz taghna, huwa evidenti illi l-post huwa wiehed antik, u ma tantx jidher ili saret manutenzjoni fih matul is-snin. Huwa minnu wkoll illi dan ghamel zmien mimli bl-imbarazz li tigbor fih l-intimata. B'daqshekk pero' ma jfissirx illi gew

[12] Appell:Grazio Gerada vs Salvatore Pace: 5.3.1984

> ikkawzati l-hsarat konsiderevoli kif imfissra f'din il-gurisprudenza, u r-rikorrenti ma ressqu ebda tip ta' prova dwar din l-allegata hasra.
>
> Ghal dawn il-motivi, u peress illi ma gewx sodisfatti r-rekwiziti mehtiega sabiex tirnexxi talba ghar-ripresa ta' fond mikri fuq l-ebda wahda mir-ragunijiet imsemmija, jiddeciedi r-Rikors billi jichad it-talba, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.”

Bl-appell taghhom minn din is-sentenza r-rikorrenti jgibu 'l quddiem l-istess identici kawzalijiet minnhom proposti ghat-talba taghhom tar-ripreza tal-fond. Jigifieri, dawk tal-bdil tad-destinazzjoni mill-intimata, inkwilina taghhom, il-htiega tal-bzonn tad-dixxendent taghhom, konsangwineja jew imhallta biz-zwieg [Artikolu 9 (b), Kapitolu 69] u l-kawzali tal-hsarat;

Il-Qorti jidhrilha li b' ordni kronologika preferenzjali ghandha tibda biex tinvesti l-aggravju lilha sottomess riferibilment ghall-bzonn. Dan anke ghaliex jekk dan jinsab li hu fondat ikun futili li toqghod taddentra ruhha fl-aggravji l-ohra tal-bdil ta' uzu u tal-hsarat;

<u>IL-BZONN</u>

In tema, hi ormai gurisprudenza ben affermata ghal kwazi dan l-ahhar nofs seklu illi biex sid il-fond jirnexxi fit-talba tieghu tar-ripreza fuq din il-bazi hu jehtieglu jipprova grad ragonevoli ta' bzonn. Il-piz ta' prova bhal din hi dejjem fuqu. Manifestament, illi hu qed jagixxi in bwona fede u ghab-bazi ta' bzonn genwin. Ara "**Saliba -vs- Caruana**", Appell, 28 ta' Mejju 1962 u s-sentenzi li segwew l-insenjament dedott fiha minn dakinhar sal-prezenti;

F' dan il-kaz il-Bord, korrettement fil-fehma tal-Qorti, ma sabx, fuq il-principju tal-liberu konvinciment, illi seta` jaccetta dak sottomess lilu mill-appellanti illi l-fond mikri

kien hekk mehtieg ghal raguni ta' mard. Evidentement, dan ir-ragonament tieghu hu bazat fuq il-konsiderazzjoni tal-konflittwalita fix-xhieda tar-rikorrenti fejn din tiddikjara li l-fond tridu ghat-tifla li tghix l-Amerka ghax ghandha r-ragel marid (fol. 17) u dik ta' l-istess bintha li tghid li giet konsiljata mit-tobba biex tigi lura Malta minhabba l-kondizzjoni azmatika taghha (ara Affidavit taghha a fol. 94). Ma jistax jonqos li jigi osservat illi kemm jekk ghal raguni wahda jew l-ohra l-allegat mard ma jinsab minn imkien sopportat minn certifikat mediku;

Minn dawn ic-cirkustanzi biss l-appellanti ma ghandhomx ghalfejn ilumu lill-Bord dwar id-dubbju insort fih illi l-bzonn, invokat minnhom, ma jistax genwinament jikkoncilja ruhu, b' mod gust u adegwat, ghal dak il-grad ragonevoli tal-bzonn aspirat mill-gurisprudenza.

L-ALLEGAT TIBDIL FL-UZU

Jinghad bi preambulari ghall-istharrig ta' l-aggravju fuq dan il-punt illi, kif ripetutament asserit mill-Qrati f' diversi sentenzi, "in-nuqqas ta' uzu ta' fond in lokazzjoni ghal zmien sostanzjali u tenut kont tac-cirkustanzi kollha tal-kaz jikkostitwixxi kambjament tad-destinazzjoni tieghu (ara, fost ohrajn, **Kollez. Vol. XXXIV P I p 164** u Appelli Civili 14 ta' Dicembru 1953 "**Schembri -vs- Portanier**", 8 ta' Frar 1954 "**Schembri -vs- Bonnici**", u 26 ta' Mejju 1961 "**Farrugia -vs- Vella *et***"), liema principju japplika sew ghall-fondi kummercjali kemm ghad-djar ta' abitazzjoni (ara **Kollez. Vol. XLI P I p 407**)” - "**Tabib Dr Louis Camilleri -vs- Valerio Valente *et***", Appell, 28 ta' Mejju 1979;

Dan ri-affermat, biex tinghata twegiba lil certa osservazzjoni ta' l-appellata, irid jinghad illi s-semplici tolleranza jew anke ix-xjenza jew l-inerzja tas-sid ma humiex *per se* produttivi ta' l-effett guridiku ta' xi avvenuta akkwiexxenza tat-tibdil ta' fatt tad-destinazzjoni maghmula arbitrarjament mill-kerrej. Fil-hsieb tal-Qorti biex

tikkonfigura l-akkwiexxenza jrid jigi manifest illi s-sid ikkonvalida bl-atteggjament tieghu anke tacitu, dak it-tibdil fl-uzu. Ghal dan iridu jissussistu elementi konkreti u univoci li juru din il-volonta tas-sid;

Ferma din ir-riflessjoni, l-appellanti javvanzaw bi proposizzjoni tat-tibdil fl-uzu mill-appellata l-abbandun minnha tal-fond mikri. B' dan huma jikkollegaw ruhhom ghal dik il-gurisprudenza li ssostni illi "n-non uzu ghal zmien twil hu parifikat ghal tibdil fid-destinazzjoni" (**Kollez. Vol. XXXVI P I p 141**). Naturalment, anke hawn il-prova ta' l-abbandun u tan-non uzu tinkombi dejjem fuq il-lokatur li jallega, u jekk dan ma jirnexxilux hekk jiddizempja ruhu l-gudikant ma jistax hlief isostni li l-fatt allegat mhux veru ghax mhux ipprovat;

Issa fuq l-gharbiel taghha tal-provi din il-Qorti tasal biex tikkoncedi illi jezistu certi elementi mix-xhieda prodotta li jqarrbu lejn is-sitwazzjoni proposta mill-appellanti, dimostrattiva ta' dik l-ezistenza ta' fatt li tissuggerixxi illi l-appellata kienet ukoll tikkoabita ma' certu Frencu Mifsud fil-fond ta' dan u li l-fond proprju mikri lilha gie rez inabitabbli minhabba l-istat ta' imbarazz rakkolt fih. B' danakollu, dejjem fuq il-bazi ta' l-istess xhieda prodotta, ma jirrizultax lanqas b' certezza illi l-appellata abbandunat ghal kollox il-fond lokat jew li dan, anke f' dak l-istat, ma kienx qed jigi abitat;

Din il-Qorti gja drabi ohra esprimiet ruhha fis-sens illi l-piz tal-prova jirrigwarda l-fatt incert u allura l-adempiment tieghu kellu jkun mahsub biex jelimina l-incertezzi, jew, ahjar, biex joffri c-certezza tal-fatt allegat. Altrimenti, dak l-istess oneru jsir bazi ta' dik ir-regola legali ta' gudizzju ghal konvinciment ta' min irid jiggudika, li jkollu raguni jahseb u jiddeciedi illi l-allegazzjoni ma gietx sodisfacentement ipprovata u sostenuta. Dan hu dak li gara f' dan il-kaz meta l-Bord sab illi hadd mix-xhieda ma seta' jghid fic-cert illi l-appellata tabilhaqq abbandunat il-fond mikri. Ghal darb' ohra l-Qorti jidhrilha li ghandha, fuq

l-apprezzament taghha ta' l-istess xhieda u provi prodotti, tikkonkorda mal-Bord, anke ghaliex jidhrilha illi l-appellanti ma skarikawx kif jixraq l-oneru ta' l-affermazjoni taghhom ta’ l-abbandun jew, ghallanqas, ma ddizempenjawx ruhhom b' mod cert u konkluziv ghal konvinciment tal-Qorti.

L-ALLEGATI HSARAT

Huwa pacifikament accettat illi l-hsara kontemplata mil-ligi fl-Artikolu 9 (a) tal-Kapitolu 69 trid tkun dik materjali u konsiderevoli. Ara "**Giovanni Grech -vs- Rosa Vassallo *et***", Appell, 29 ta' Ottubru 1954;

L-appellanti jikkontendu illi dawn il-"hsarat hafna" rrizultaw mill-fatt illi l-fond thalla "abbandunat, zdingat u wzat bhala mizbla". Issa hu veru illi, kif ikkonstatat mill-Bord, ghal bosta snin qajla saret manutenzjoni mill-appellata. Ghalkemm dan il-fatt jista' talvolta jikkostitwixxi mill-inkwilina vjolazzjoni tal-kondizzjoni lokatizja li thares u tikkonserva l-fond mikri, dan mhux bilfors jitraduci ruhu f' dik tal-hsara konsiderevoli u gravi stabbilita mil-ligi. F' kaz li ghal certi aspetti ta' fatt ghandu xebh ma' dak in disamina l-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi z-zamma ta' imbarazz u n-nuqqas ta' kura tal-fond ma kellux iwassal ghas-sanzjoni drastika u estrema ta' l-izgumbrament. Dan ghaliex, fuq il-valutazzjoni taghha tar-rapport tal-periti tal-Bord, dawn ma setghux jikkwalifikaw bhala danni ta' natura urgenti u rreparabbli. Ara "**Paolo Farrugia -vs- Amante Murgo**", Appell, 29 ta' April 1996, kif ukoll "**Elizabeth Darmanin *et* -vs- Reverendu Kanonku Anton Galea *et***", Appell, 24 ta' April 1998. Bhal f' dawn il-kazijiet, il-"hsara hafna" ma gietx hekk ipprovata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi billi tirrespingi l-appell u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jitbatew mir-rikorrenti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------